

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1279

tad-9 ta' Settembru 2020

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽²⁾, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata fuqha parzjalment jew kollha kemm hi, jew li żżid kwalunkwe suddiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati t-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM indikati fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.
- (4) Jixraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu jenħtieġ li jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

⁽¹⁾ ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Settembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Fisem il-President,
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni
Doganali

ANNEX

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi - NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Oġġett fil-forma ta' midalja magħmula minn metall komuni, mhux maħsul b'metall prezzjuż, f'forom varji (ċirkolari, rettangolari, irregolari, eċċ.) u f'diversi daqsijiet (ġeneralment b'dijametru ta' bejn 35 u 70 mm). L-oġġett jista' jkun imżejjen b'diversi motivi (stampati fih) u jkollu kulur tad-deheb, tal-fidda jew tal-bronz. Jista' jkollha ħolqa fin-naħa ta' fuq biex tiddendel b'żigarella u li tintlibes madwar l-għonq.</p> <p>L-oġġett huwa ppreżentat biex jintuża bħala midalja, biex iżejjen lil persuna wara li tikseb suċċess f'kompetizzjoni, b'żigarella jew mingħajrha.</p> <p>Ara l-istampi (*)</p>	<p>7117 19 00</p>	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Nota 11 tal-Kapitolu 71, kif ukoll bil-kliem tal-kodiċijiet NM 7117, 7117 19 u 7117 19 00.</p> <p>L-oġġett huwa ddisinjat biex jintlibes fuq il-ġisem jew fuq il-ħwejjeġ. Jitqies bħala oġġett żgħir għat-tiżjin personali (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (HSEN) tal-intestatura 7117, l-ewwel paragrafu).</p> <p>Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 8306 bħala "oġġetti ta' metall komuni" hija eskluża peress li l-oġġett mhux ta' tip iddisinjat essenzjalment għat-tiżjin, fid-djar, fl-uffiċċji, eċċ (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-SA tal-intestatura 8306, parti (B), l-ewwel paragrafu). Dik l-intestatura tkopri biss medaljuni oħra għajr dawk għat-tiżjin personali (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-SA tal-intestatura 8306, parti (B), it-tielet paragrafu, (1)).</p> <p>B'konsegwenza, l-oġġett irid jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 7117 19 00 bħala "ġojjellerija ta' imitazzjoni oħra ta' metall komuni".</p>

(*) L-istampi huma biss għal finijiet ta' informazzjoni.

